**14 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Korporazzjoni Telemalta

*versus*

Carmelo Brincau

**Preskrizzjoni - Rinunzja għall-Preskrizzjoni - Servizz tat-*Telephone***

*Min jaċċetta li jħallas somma riklamata kontra tiegħu wara li jkun għadda ż-żmien għall-preskrizzjoni favur tiegħu jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni ġà akkwistata.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ppremettiet illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti viġenti li jirregolaw l-użu tas-servizzi mogħtija mill-Korporazzjoni Telemalta, il-konvenut għandu jagħti lill-attur *noe* s-somma ta' Lm587.68 (ħames mija u sebgħa u tmenin lira u tmienja u sittin ċenteżmu) bħala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv għal-linja bin-numru 238982 u dan

kif jidher mill-prospett esebit ma' din iċ-ċitazzjoni; u

Premess illi interpellat sabiex iħallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur *noe* s-somma ta' Lm587.68 dovuta minnu bħala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv għal-linja bin-numru 238982, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu, 1995 u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 fejn eċċepixxa;

Illi t-talbiet attriċi huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw;

Saviour Farrugia xehed u kkonferma d-dokument B a fol. 4 li hu prospett tas-servizz tat-telefon tal-konvenut. Hu esebixxa d-dokument a fol. 27 fejn jispjega l-ammont ta' *Pulses* u *Rent* għall-perijodu qabel Marzu 1987. Kienu għamlulu mandat ta' qbid f'Ġunju 1995 u esegwit f'Awissu 1995. Fl-erbgħa (4) ta' Novembru 1988 il-konvenut kien kiteb u kien ammetta li kellu jħallas u kellu jħallas bit-Lm30 fix-xahar. Il-konvenut għamel pagament fil-ħmistax (15) ta' Novembru 1988 u ieħor fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru, 1988. Hu kkonferma li l-linja kienet inqatgħet fl-1990 u l-konvenut ma setgħax iċempel, iżda s-servizz baqa' għand il-konvenut sa l-1994 meta neħħewlu t-telefon;

Il-konvenut xehed li t-telefon qiegħed f'ħanut. Wara l-1989 il-ħanut ingħalaq. Fl-1990 ma kellux linja u ma kienx iċempel minn hemm. Hu m'għandux riċevuti li kien ħallas għax tilifhom;

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili;

Il-pretensjoni ta' l-atturi hija għall-perijodu Marzu 1985 sa Ġunju 1994. Kien inħareġ mandat ta' qbid fit-tletin (30) ta' Ġunju, 1995. Skond ittra esebita a fol. 6 il-konvenut kien ammetta li għandu jagħti l-ammont ta' Lm550.29 għall-perijodu preċedenti u kellu jħallas tal-kontijiet ġodda;

Il-konvenut qed jissottometti li wara l-ittra msemmija fejn kien ammetta u wara ż-żewġ pagamenti li kien għamel reġa' beda jiddekorri mill-ġdid il-perijodu estintiv ta' l-azzjoni. Għalhekk qed jissottometti li l-pretensjoni ta' l-attur għar-rigward tal-perijodu bejn Marzu 1985 sa Marzu 1990 huwa llum

preskritti;

Il-Qorti però tirrileva li għall-perijodu bejn 1985 sa l-1988 il-konvenut kien ammetta li kellu jagħti għalhekk jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni. Ġie deċiż diversi drabi li min jaċċetta li jħallas is-somma rreklamata kontra tiegħu wara li jkun għadda ż-żmien għall-preskrizzjoni favur tiegħu jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni ġà akkwistata - (ara fost oħrajn **Camilleri** ***vs*** **Borg**, 21/3/59);

Għar-rigward tal-perijodu qabel l-1988 it-terminu preskrittiv ġie rrinunzjat u għall-perijodu rimanenti fl-1995 sar il-mandat ta' qbid. Għalhekk mill-1990 sal-1995 il-perijodu mhux preskritt. Hu biss preskritt il-perijodu bejn l-1988 sa l-1990 u eżattament mit-22 ta' Diċembru, 1988 meta sar l-aħħar pagament sat-30 ta' Ġunju, 1990, ħames snin qabel il-preżentata tal-mandat fit-30 ta' Ġunju, 1995;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni limitatament għall-perijodu indikat u tiċħadha għal kumplament u tiddifferixxi l-kawża għall-kumplament tal-provi tal-partijiet għall-10 ta' Novembru, fl-10.15 a.m.